



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għas-Sajd

2012/0143(COD)

16.7.2012

*****I**

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd (COM(2012)0277 – C7-0137/2012 – 2012/0143(COD))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Ian Hudghton

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd (COM(2012)0277 – C7-0137/2012 – 2012/0143(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0277),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C70137/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta' ...¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni tipprepara proposti bil-ħsieb li testendi d-deroga fi ħdan iż-żoni kostali lil hinn mil-limitu attwali ta' 12-il mil nawtiku;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni tipprepara proposti bil-ħsieb li testendi l-limitu taż-żmien li fih tapplika dik id-deroga lil hinn mill-ewwel għaxar snin;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali fl-Istati Membri.

¹ OJ 0, 0.0.0000, p. 0.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-proposta tal-Kummissjoni qed tfittex li testendi l-limitu taż-żmien tar-reġim ta' aċċess attwali ta' 12-il sena. Fi ħdan il-qafas tal-leġiżlazzjoni PKS eżistenti, l-Artikolu 17(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 jistabbilixxi deroga mill-prinċipju ta' aċċess ugwali fi ħdan 12-il mil nawtiku ta' kull Stat Membru. Id-deroga hija fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2012. Il-proposta attwali tfittex li testendi dan il-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2014.

Kuntest

Derogi mir-regola ta' aċċess ugwali fi ħdan l-ibħriet kostali ilhom stabbiliti għal aktar minn 40 sena. Deroga għet implimentata l-ewwel fir-Regolament (KEE) Nru 2141/70 li jstipula politika strutturali komuni għall-industrija tas-sajd, u dispożizzjoni saret ukoll fl-Att ta' Adeżjoni tad-Denimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit.

Iż-żona attwali ta' 12-il mil għet stabbilita fl-ewwel Regolament PSK fl-1983. L-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 170/83 jistabbilixxi li ż-żona se tiġi stabbilita mill-1 ta' Jannar 1983 sal-31 ta' Diċembru 1992; dispożizzjonijiet ekwivalenti daħlu fis-seħħ fir-riformi sussegwenti PSK (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3760/92 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002).

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament attwali huma l-uniċi partijiet tal-leġiżlazzjoni li għandhom limitu ta' żmien marbut magħhom. Il-Kummissjoni pproponiet li ġġedded id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 6 tar-Regolament bażiku propost. Madanakollu, minħabba l-probabbiltà għolja li l-PKS riformata mhijiex se tkun stabbilita qabel tmiem din is-sena, il-Kummissjoni kellha tressaq 'il quddiem il-proposta attwali biex tiżgura li r-reġim eżistenti ma jiskadix.

Iż-żoni ta' 12-il mil - suċċess rari tal-PKS

Li l-PKS kienet, b'mod ġenerali, falliment matul dawn l-aħħar 30 sena, huwa fatt universalment rikonoxxut. Il-kumment tal-Kummissjoni fil-Green Paper tagħha dwar ir-riforma tal-PKS (COM(2009)163) li "l-PKS attwali ma ħadmitx tajjeb" huwa x'aktarx sottovalutazzjoni u l-proċess ta' riforma li għaddej sar minħabba neċessità.

B'kuntrast għal dan hemm rikonoxximent ġenerali li l-ġestjoni tas-sajd fi ħdan iż-żoni ta' 12-il mil kienet suċċess. Il-Green Paper pereżempju ddikjarat li r-reġim tal-kosta "ġeneralment ħadem tajjeb u jista' wkoll jiġi intensifikat", filwaqt li r-Rapport dwar l-Obbligi ta' Rappurtar skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 (COM (2011)418) stqarr li "r-reġim huwa stabbli ħafna, u r-regoli komplew joperaw b'mod sodisfaċenti".

Dan is-suċċess forsi juri li l-Istati Membri huma kapaċi u fil-fatt jamministraw is-sajd b'ċertu suċċess. Filwaqt li l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd lil hinn mill-limiti ta' 12-il mil kienet ikkaratterizzata minn kontroll ċentralizzat ħafna u ineffettiv min-naħa ta' Brussell, il-ġestjoni fi ħdan iż-żoni kostali minn Stati Membri individwali kienet stabbli u ta' suċċess.

Hekk kif id-dibattitu dwar ir-riforma tal-PKS aktar wiesgħa jkompli għaddej, waħda mill-

kwistjonijiet ewlenin li għandha tiġi deċiża hija dwar x'livell ta' deċentralizzazzjoni u reġjonalizzazzjoni għandu jiddaħħal u x'se tkun n-natura tagħhom. L-effettività ġenerali ta' kontroll tal-Istat Membru fi ħdan iż-żoni ta' 12-il mil turi b'mod ċar li l-ġestjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi lokali hija dik l-aktar effettiva. Is-suċċess tal-kontroll mill-Istati Membri jirrappreżenta kuntrast qawwi meta mqabbel mal-falliment tal-kontroll ċentralizzat f'idejn l-UE - u joffri gwida utli fir-rigward tad-direzzjoni li r-riforma tal-PKS għandha tiegħu.

Żona estiża - fiż-żmien u fid-distanza

Kif intqal hawn fuq, il-Green Paper tirrikonoxxi li reġim kostali "jista' saħansitra jiġi intensifikat". Barra minn hekk, ir-Rapport dwar l-Obbligi ta' Rappurtar jinnota li Stat Membru ssuġġerixxa li ż-żoni għandhom jiġu estiżi sa 20 mil nawtiku.

Ir-Rapporteur jiffavorixxi bil-qawwi suġġerimenti li ż-żoni kostali għandhom jiġu estiżi u fil-passt kien appoġġja emendi għal dan il-għan. Wieħed jittama li l-PKS riformata, b'mod ġenerali, iġġib magħha reġim deċentralizzat ħafna u tippermetti lill-Istati Membri jieħdu deċiżjonijiet ta' ġestjoni fil-pront filwaqt li jikkooperaw fuq bażi reġjonali. Madankollu, minkejja l-għamla finali tal-PKS riformata, iż-żoni ta' 12-il mil kienu ineffettivi b'mod ċar - u hemm argument qawwi favur l-estensjoni tad-distanza tagħhom.

Ir-Rapporteur jiddubita wkoll kemm hi għaqlija l-proposta tal-Kummissjoni fl-Artikolu 6 tar-Regolament tal-PKS il-ġdid propost biex ir-reġim attwali jiġi estiż għal għaxar snin biss. Filwaqt li l-PKS ma għandhiex għalfejn tiġi riformata kompletament kull 10 snin, huwa ċert li f'dan is-sens ħareġ mudell ċar. Wieħed jittama li l-proċess ta' riforma li għaddej se jirriżulta f'PKS li se taħdem b'mod effettiv u li ma għandhiex bżonn riforma maġġuri għal dawn l-għaxar snin li ġejjin. Madankollu, anke jekk ir-riforma attwali ma tkunx ta' suċċess, is-suġġeriment li minn hawn u għaxar snin oħra għandu jsir rieżami maġġuri u għandhom isiru xi aġġustamenti, ma jmurx kontra kull loġika.

Peress li dan huwa xenarju probabbli u minħabba l-fatt li d-dibattitu ta' riforma li għaddej bħalissa juri li l-proċeduri leġiżlattivi mhux dejjem ikunu konklużi fi ħdan skedi ta' żmien fissi, jidher riskjuż iżżejjed li ż-żona ta' 12-il mil tingħata limitu ta' 10 snin. L-unika raġuni għalfejn ir-rapport preżenti kien meħtieġ hija minħabba li l-Artikolu 17(2) huwa l-unika parti tal-PKS li hija limitata biż-żmien. Jidher raġonevoli li għandha tiġi ppromulgata dispożizzjoni ġdida dwar iż-żoni kostali bi skadenza li taqbeż il-perjodu ta' riforma normali ta' għaxar snin - u r-Rapporteur jappoġġja l-estensjoni tar-reġim indefinittivament.

Urġenza

Minkejja l-appoġġ tar-Rapporteur għal estensjoni taż-żoni ta' 12-il mil kemm fiż-żmien kif ukoll fid-distanza, huwa jaċċetta li dan id-dibattitu għandu jseħħ fi ħdan dibattitu aktar wiesa' dwar ir-riforma tal-PKS. Iż-żoni attwali ta' 12-il mil jaħdmu tajjeb - iżda se jiskadu fil-31 ta' Diċembru ta' din is-sena jekk il-proposta attwali ma tkunx stabbilita. Iż-żoni joffru livell ta' protezzjoni għal komunitajiet kostali vulnerabbli - u dawn il-komunitajiet tas-sajd mhux se jifhmuha jekk il-protezzjoni kellha titneħħa minħabba stagħnar interistituzzjonali.

Għalhekk, ir-Rapporteur jipproponi li tiġi aċċettata l-proposta attwali għal estensjoni tar-reġim b'sentejn - iżda se jkompli jargumenta bil-qawwi għal kontroll nazzjonali akbar tas-sajd

kostali fi ħdan il-pakkett ta' riforma tal-PKS aktar wiesgħa.